**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 277/2018 RM**

**Sylvana Brannon**

**-Vs-**

**Annabelle Grech u Hubert David Grech**

**Illum, 2 ta' Gunju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mill-attrici Sylvana Brannon fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Novembru 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti : *prevja dikjarazzjoni illi f'okkazzjonijiet fuq medda ta' zmien bejn it-2 ta' Mejju u s-6 ta' Gunju 2017, (1) permezz ta' telefonata lill-ufficjali tal-Agenzija APPOGG "on call" l-intimati taw taghrif falz u malafamanti dwar il-qaghda tat-tfal taghha; (2) waqt inkontru kontra l-Ligi ma' l-espert tal-Qorti Andreana Gellel, Senior Social Worker u ufficjal mal-Agenzija Appogg, bil-hsieb li jaghmlu hsara lir-reputazzjoni tar-rikorrenti, itellfulha giehha u bil-hsieb li jinfluwixxu fuq l-istess Andreana Gellel u jaghmlu pressjoni fuqha biex ma tixhidx is-sewwa wara li pprezentat ir-rapport taghha lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), l-intimati mmalafamaw lil Sylvana Brannon u ngurjawha gravement, f'liema ghanijiet diffamatorji l-intimati rnexxew, u dan ukoll in vista tal-fatt li Annabelle Grech u l-esperta gudizzjarja Andreana Gellel*

*kienu hadmu flimkien. Dawn il-komunikazzjonijiet illegali fl-intier taghhom gew ghall-konoxxenza tar-rikorrenti fit-2 ta' Lulju 2018.*

*Barra minn hekk, bl-animu li jaghmlu l-hsara lir-rikorrenti, l-intimati wkoll immalafamaw lir-rikorrenti billi holqu jew geghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra r-rikorrenti, u dan billi geghlu lill-espert tal-Qorti temmen dawk l-allegazzjonijiet u ppruvaw ma jhallux lix-xhud u espert gudizzjarju taghti t-taghrif jew provi mehtiega fi proceduri civili in konnessjoni mal-inkarigu taghha.*

*(3) Tikkundanna lil kull wiehed u wahda mill-intimati biex ihallsu lir-rikorrenti dik is-somma li joghgobha tistabbilixxi dina l-Qorti bhala danni morali ghall-ingurja gravi subita, u dan a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.*

*B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti, inkluz it-tehid ta' passi kriminali kontra l-konvenuti.*

Rat ir-Risposta tal-konvenut Hubert David Grech[1] pprezentata fid-9 ta' Jannar 2019 fejn gie eccepit:-

*« It-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, u dan ghar-ragunijiet li gejjin:*

1. *Fl-ewwel lok, in linea preliminari, in kwantu l-lament huwa dwar allegata ingurja, in kwantu li t-talba hija ghall-kundanna ta' danni morali, b'riferenza ghall-artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta, u peress illi ai termini tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta, f'azzjonijiet ta' ingurja, l-ammont massimu li*

[1] Fol. 53 – 54.

*jista' jigi moghti ghal danni morali huwa ta' hamest elef euro (€5,000), din l-Onorabbli Qorti ma hijiex kompetenti ratione valoris illi tidderimi t-talba odjerna;*

2. *Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-konfront tal-intimat hawn esponenti, ma jezistux l-elementi u rekwiziti mehtiega mil-ligi biex l -azzjoni rikorrenti tirnexxi;*

3. *Fit-tieni lok, bla hsara ghas-suespost, ma huwiex minnu illi l-esponenti immalafama jew b' xi mod ingurja lir-rikorrenti;*

4. *Fir-raba' lok, mighajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma infondati filfatt u fid-dritt.*

*B' riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-intimat esponenti, u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.''*

Rat ir-Risposta tal-konvenuta Anabelle Grech[2] ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Jannar 2019 fejn gie eccepit is-segwenti:

"*Illi l-esponenti la pprestat taghrif falz jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u lanqas ma ghamlet xi 'pressjoni' fuq l-espert gudizzjarju Andreana Gellel bil-hsieb li tinfluwixxi fuqha billi kif qed jigi allegat 'immalafamat' lill-istess rikorrenti.*

*Il-lanjanza tar-rikorrenti fis-sens illi l-esponenti 'geghlet' lill-espert tal-Qorti 'temmen' haga jew ohra hija ghal kollox gratuwita u minghajr ebda bazi.*

*Bir-riserva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat is-sentenza minnha moghtija fit-28 ta' Marzu 2019 li permezz taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Hubert Grech ;

---

[2] Fol. 56.

Semghet ix-xhieda ;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti ;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijietipprezentata mill-attrici fid-19 ta’ April 2021 ;

Rat ukoll illi l-konvenuti baqghu ma pprezentaw ebda in-nota ta’ sottomissjonijiet ghalkemm inghataw terminu biex jaghmlu dan;

Rat l-atti kollha ;

Ikkunsidrat ;

Illi mill-fatti li johorgu mill-provi u l-atti tal-kawza, jirrizulta illi l-attrici intavolat proceduri gudizzjarji quddiem il-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja] kontra zewgha Travis Leigh Brannon, b’talba li terga’ tigi fdata bil-kura u l-kustodja tat-tliet ulied li ghandha mal-istess zewgha.  L-attrici xehdet, u dan mhux kontestat, illi hija kellha l-kustodja ta’ uliedha ghal tnax-il sena shah izda meta zewgha gie a konoxxenza ta’ ritratti pornografici li kienu jinvolvu lilha u lil eks-partner taghha, huwa talab b’success li l-attrici ma tibqax fdata bil-kura u kustodja ta’ wliedhom u effettivament, skont kif jirrizulta mix-xhieda tal-attrici, ilha b’kollox erba’ snin ma tara lil uliedha. Il-proceduri dwar l-affidament lill-attrici tal-kura u kustodja ta’ uliedha, kienu ghadhom pendenti sakemm kienu ghadhom qed jingabru l-provi f’din il-kawza odjerna.

M’huwiex kontestat lanqas illi fl-imsemmija proceduri dwar il-kwistjoni tal-kura u kustodja ta’ ulied l-attrici, il-Qorti hatret lil Andreana Gellel, *social worker* fi hdan l-Agenzija Appogg, sabiex tirredigi rapport dwar is-sitwazzjoni tal-familja u tirrelata fost materji ohrajn, dwar it-talba tal-attrici biex tigi fdata bil-kura u kustodja ; dan

kollu bl-intendiment ahhari li tghin lil dik il-Qorti tiddetermina jekk ghandhiex tilqa' jew tichad it-talbiet tal-attrici.

Jirrizulta illi wara li l-imsemmija Andreana Gellel espletat dan l-inkarigu u pprezentat ir-rapport taghha quddiem il-Qorti in segwitu ghal diversi laqghat mal-genituri u l-ulied, il-konvenuta Annabelle Grech ghamlet kuntatt telefoniku ma' din is-*social worker* biex flimkien ma' zewgha l-konvenut l-iehor Hubert Grech, jiltaqghu maghha. Din il-laqgha giet mitluba mill-konvenuti biex jiddiskutu l-konkluzjonijiet tar-rapport imhejji mis-*social worker*, liema konkluzjonijiet din il-Qorti fehmet illi kienu jimmilitaw favur it-talba tal-attrici biex tigi fdata bil-kura u kustodja ta' uliedha. Din il-laqgha giet rekordjata - evidentement ad insaputa tas-*social worker* - mill-konvenuti jew min minnhom u eventwalment, ir-registrazzjoni relattiva giet mghoddija lil zewgt l-attrici, Travis Leigh Brannon. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-attrici li min-naha tieghu, Travis Leigh Brannon ghamel referenza ghal din ir-registrazzjoni waqt is-smigh tal-kawza dwar il-kura u kustodja ta' uliedhom, fejn waqt udjenza partikolari, huwa semma' lill-Imhallef fil-prezenza tal-attrici, parti mill-konversazzjoni rikordjata mill-konvenuti f'din il-kawza. Dan kollu, li jirrizulta mix-xhieda tal-attrici, ma gie kontestat bl-ebda mod mill-konvenuti.

Jirrizulta mit-traskrizzjoni tal-konversazzjoni li saret waqt il-laqgha li l-konvenuti kellhom ma' Andreana Gellel, l-istess konvenuti esprimew in-nuqqas ta' qbil taghhom mal-konkluzjonijiet tar-rapport taghha u fissrulha t-thassib taghhom dwar il-prospett li l-attrici terga' tinghata l-kura u kustodja jew access ghal uliedha u l-hsara psikolgika li dan possibbilment jirreka fuq l-istess tfal minuri. In sostenn ta' dan, il-konvenuti gharrfu lis-*social worker* li Eva, it-tifla l-kbira tal-attrici, kienet « suwicidali » meta qalulha bir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tas-*social worker*.

Jirrizulta inkontestat illi in segwitu ghall-udjenza quddiem il-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja] fil-kawza istitwita mill-attrici fejn insema' parti mir-*recording* tal-laqgha in kwistjoni, il-konvenut Hubert Grech ghadda lill-attrici dan ir-*recording* li kien jinsab fit-telefon cellulari tieghu, fit-2 ta' Lulju 2018 bil-mezz tal-*bluetooth*.

Sussegwentement, l-attrici ttraskriviet hija stess il-kontenut tar-recording kif ukoll ghamlet kopja tieghu fuq *usb drive* li gie esebit fl-atti (Dok. SB1[3]).

Ikkunsidrat ;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-azzjoni odjerna hija essenzjalment azzjoni ta' malafama kwantu l-unika talba maghmula mill-attrici fir-Rikors promotur hi ghal kundanna ghall-hlas ta' danni morali a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap. 579 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, liema talba tinsab fit-tielet paragrafu tal-istess Rikors.

Ghandu jinghad qabel xejn illi l-animu jew il-mottiv wara l-allegat malafama m'huwiex relevanti ghall-prova tal-malafama li, jekk ippruvata, tezisti indipendentement u irrispettivament mir-raguni li wassal lill-konvenut biex jaghmel id-dikjarazzjonijiet diffamatorji jew x'kienet l-intenzjoni tieghu fil-pubblikazzjoni tal-imputazzjonijiet impunjati.

Applikat dan ghall-ewwel premessa fir-Rikors promotur, il-Qorti tqis li m'huwiex mehtieg ghas-success tat-talbiet, il-prova li l-laqgha mas-*social worker* Andreana Gellel sehhitx kontra l-ligi jew le jew jekk l-iskop tal-laqgha kien li jsir pressjoni fuq l-istess *social worker* biex ma tixhidx is-sewwa.

Kwantu ghat-tieni paragrafu tar-Rikors, hu evidenti li dan huwa mfassal bhala riproduzzjoni tal-kliem tal-Artikolu 110 tal-Kodici Kriminali li jipprospetta r-reat ta' holqien ta' reat u holqien qarrieqi ta' provi foloz u konsegwentement, galadarba l-premessa m'hijiex fondata fuq xi dispozizzjoni tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, il-Qorti hi tal-fehma li din il-premessa ma ghandha l-ebda relevanza kwalsiasi fl-istharrig u ghad-determinazzjoni tat-talba attrici ghall-hlas ta' danni morali ghal malafama.

---

[3] Fol. 90.

Ikkunsidrat ;

Illi ghandu jigi osservat qabel xejn illi l-attrici ma ressqet l-ebda prova tat-telefonata li saret mill-konvenuta Annabelle Grech lil Andreana Gellel kif imsemmi fl-ewwel paragrafu tar-Rikors promotur.  Ghalkemm l-attrici xehdet illi f'din it-telefonata, ohtha l-konvenuta Annabelle Grech allegat li t-tfal tal-attrici "*saru jafu bir-rapport u kienu suicidal*"[4], jirrizulta li hija kienet qed tirrepeti dak li allegatament xehdet l-imsemmija Andreana Gellel fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja].  Il-Qorti ma rriskontrat l-ebda traskrizzjoni ta' din ix-xhieda fl-atti u l-imsemmija *social worker* ma tressqitx biex tixhed fil-kawza odjerna.  Ghaldaqstant, m'hijiex ippruvata l-ingurja allegatament subita bil-mezz tal-kliem li ntqal waqt it-telefonata msemmija fl-ewwel paragrafu tar-Rikors promotur.

Ikkunsidrat;

Illi kwantu ghal-laqgha, l-attrici ssostni li l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront taghha waqt dan l-inkontru ta' tliet sighat ma' Andreana Gellel u li gew registrati, kienu "*kattivi*" u ghamlulha hafna hsara ghaliex wara kollox, is-*social worker* kienet inkarigata biex tirrelata lill-Qorti dwar it-talba taghha biex terga' tigi affidata bil-kura u kustodja ta' uliedha.  Tant hu hekk li l-attrici ssostni li meta giet biex tiddeponi quddiem il-Qorti in segwitu ghal-laqgha li kellha mal-konvenuti, "*ix-xhieda ta' Andrenana Gelle instemghet ftit differenti mill-, mill-attitudni taghha kif kien fir-rapport.*"[5]  L-attrici identifikat il-brani allegatament malafamanti fid-dokument immarkat Dok. SB2[6] kontenenti t-traskrizzjoni tal-konversazzjoni waqt il-laqgha bejn Andreana Gellel u l-konvenuti.

Da parti taghhom, il-konvenuti jichdu li huma mmalafamaw lill-attrici b'dak waqt il-laqgha mas-*social worker* u l-konvenuta Annabelle Grech sahqet, fix-xhieda taghha, illi hija talbet li ssir din il-laqgha bl-intendiment uniku li tirrapprezenta l-ahjar interess

---

[4] Ara xhieda tal-attrici fid-9 ta' Mejju 2019, fol. 79.
[5] Fol. 80.
[6] Fol. 91 *et seq*.  Is-siltiet allegatament malafamanti gew inkwadrati.

ta' wlied l-attrici u dan wara li rat ir-rejazzjoni taghhom ghar-rapport tal-istess *social worker* li kien fih rakkomandazzjonijiet pozittivi dwar it-talba tal-attrici ghall-affidament tal-kura u kustodja taghhom. Hi tichad li kellha xi hsieb li timmalafama l-attrici u dak li qalet, qalitu biex il-Qorti tkun certa dwar id-decizjoni li ser tiehu fir-rigward tal-kura u kustodja tal-ulied, neputijiet taghha, ghaliex it-tfal kienu "*imwerwrin*"[7].

Sinfjikanti l-fatt illi l-konvenuti ma jikkontestawx il-fatt illi l-konversazzjoni bejnhom u bejn is-*social worker* Andreana Gellel waqt il-laqgha li kellhom, giet rikordjata u ma kkuntrastaw bl-ebda mod il-korrettezza tat-traskrizzjoni li ghamlet l-attrici tal-kontenut tar-recording[8]. Ghalhekk il-Qorti tqis li t-traskrizzjoni hija akkurata u illi effettivament il-konvenuti, waqt il-laqgha li kellhom mas-*social worker*, ghamlu kull wiehed minnhom jew flimkien, dawk l-istqarrijiet li qed jigu impunjati mill-attrici f'din il-kawza.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti diga` stabbiliet fis-sentenza parzajli taghha tat-28 ta' Marzu 2019, illi galadarba dak li ntqal matul il-laqgha bejn il-konvenuti u s-*social worker* Andreana Gellel, gie registrat u sussegwentement dan ir-*recording* inxtered lil terzi persuni u jirrizulta wkoll li gie anke mismugh in parti waqt is-smigh ta' kawza quddiem il-Qorti, oltre li kien evidentement suxxettibbli li jigi traskritt, allura dan l-istess *recording* jikkostitwixxi "pubblikazzjoni" tal-kliem allegatament diffamatorji li ntqalu fil-konfront tal-attrici ghall-fini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama[9] (Kap. 579) u konsegwentement, jissussistu l-elementi mehtiega biex din l-azzjoni titqies bhala wahda ta' libell.

Illi dan stabbilit, il-Qorti trid tghaddi biex tistharreg jekk l-istqarrijiet impunjati mill-attrici kif identifikati minnha fit-traskrizzjoni in dizamina, humiex kapaci li jitqiesu

[7] Kontro-ezami ta' Annabelle Grech tal-24 ta' Frar 2021, fol. 188.
[8] It-traskrizzjonijiet esebiti a fol. 7 sa fol. 46 tal-atti, u bhala Dok. SB2 a fol. 91 *et seq.*, huma identici.
[9] Hawn iktar 'l isfel imsejjah "l-Att".

bhala diffamatorji ghall-finijiet tal-Artikolu 3(4) tal-Att[10]. Din id-dispozizzjoni tistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba. Dan ir-rekwizit ta' hsara serja jew potenzjal ta' hsara serja, introdott ghall-ewwel darba permezz tal-ligi l-gdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruz u impenjattiv ghas-success ta' azzjonijiet ghal malafama, milli dak li kien rikjest taht il-Ligi tal-Istampa, Kapitolu 248[11].

Jinghad ukoll li dan il-kriterju ta' hsara serja lir-reputazzjoni m'huwiex marbut mal-*quantum* tad-danni likwidabbli f'kaz li l-istqarrija titqies li hija malafamanti, izda huwa relevanti esklussivament ghas-success tal-azzjoni, sabiex jigi determinat jekk l-istqarrija impunjata ghandhiex titqies bhala diffamatorja jew le ghall-finijiet tal-Att. Il-Qorti tqis ukoll illi l-istharrig mehtieg mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar l-element tal-hsara serja, huwa wiehed li ghandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taht l-Att u dan mill-Qorti *sua sponte* minghajr il-htiega li titressaq eccezzjoni *ad hoc* fir-rigward u dan ghaliex il-kriterju jincidi fuq l-azzjonabbilita` tal-allegat malafama. Dan ifisser illi anke jekk jirrizulta li l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-kontestazzjoni kif prospettati mill-Att, ma jkunux fondati jew altrimenti ma jissodisfawx il-kriterji mehtiega mil-ligi ghas-success taghhom, l-azzjoni tista' xorta wahda tfalli t-test stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att jekk jirrizulta illi wara kollox, il-pubblikazzjoni ma rrekatx u m'hijiex kapaci li tirreka, hsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li ressqet l-azzjoni.

Konformement, dak li ghandu jigi kkunsidrat ghall-fini li jigi stabbilit jekk dan il-kriterju huwiex milhuq fil-kaz partikolari, huwa jekk l-istqarrijiet impunjati ikkagunawx hsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li tressaq l-azzjoni tal-libell, jew jekk fihomx il-propensita` li jirrekaw hsara serja lir-reputazzjoni taghha fil-futur. Dan l-effett huwa riskontrabbli jekk fil-kaz partikolari, **l-istqarrija impunjata tolqot hazin u b'mod gravi u sostanzjali l-attitudni ta' persuni ohrajn fil-konfront tas-**

[10] Att XI tal-2018 - Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.
[11] Fi kliem Collins [On Defamation, 2014 Ed. Page 128 6.56.], din ir-regola: *"… operates solely as a threshold for preventing or stopping defamation actions where the claimant cannot demonstrate that he or she has suffered or is likely to suffer, serious reputational harm or, in the case of a body that trades for profit, serious financial loss."*

**soggett tal-malafama, b'mod li tikkaguna jew hi kapaci tikkaguna hsara serja lir-reputazzjoni**.

*"In ordinary English usage, reputation is 'the general opinion or estimate of a person's character'. ... Reputation is to be interpreted in a broad sense as comprehending all aspects of a person's standing in the community. ... Any imputation which reflects adversely upon a person's character, that is, which expresses or implies some blame to or moral disparagement of, the person – will tend to lower the person in the estimation of reasonable people."*[12]

Jinghad ukoll li fil-generalita` tal-kazi, ghall-fini ta' dan l-istharrig, ikun jehtieg li ssir referenza, fost ohrajn, ghan-natura tal-imputazzjoni addebitata bil-pubblikazzjoni impunjata u ghall-mezz u l-firxa tal-pubblikazzjoni, kif ukoll ghandu jitqies jekk il-kliem humiex kapaci **fil-kuntest partikolari taghhom**, ikunu diffamatorji ghal dik il-persuna partikolari.

Skont il-Gatley:-

"*... whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before.*"[13] [emfasi tal-Qorti]

Jispetta lill-Qorti li tiddetermina qabel xejn jekk saritx imputazzjoni diffamatorja u jekk din tissodisfa l-kriterju tas-serjeta` stabbilit mil-Artikolu 3(4) tal-Att biex titqies bhala stqarrija diffamatorja.

---

[12] Collins, *supra*, 6.20 u 6.21. Ara wkoll **Berkoff v. Burchill** – per Neil LJ [1997] EMLR 139 (CA)

[13] Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), p. 41, 2.5.

Ghall-fini li jigi mistharreg jekk saritx imputazzjoni diffamatorja, ghandu jigi stabbilit jekk persuna ordinarja u ragjonevoli ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaci tifhem dik l-istqarrija bhala wahda li minnha tinsilet l-imputazzjoni impunjata. Fost il-principji applikabbli ghad-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hijiex kapaci twassal l-imputazzjoni impunjata, id-decizjoni celebri **Jeynes v News Magazines Ltd**[14] elenka s-segwenti:-

"*(1) the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available ... (4) the intention of the publisher is irrelevant...*"

Kif gia` nghad, huwa mholli f'kull kaz lill-gudikant biex jiddetermina jekk il-kliem uzat huwiex kapaci, ragjonevolment, illi jwassal it-tifsira vantata mill-persuna aggravata u jekk, f'kaz affermattiv, dik it-tifsira hijiex kapaci li titqies skont il-ligi bhala diffamatorja. F'kaz fejn il-kliem uzat fid-dikjarazzjoni impunjata jista' jaghti lok ghall-interpretazzjoni li qed issir imputazzjoni fil-konfront tal-persuna malafamata, jinghad illi:-

"*... the question will be whether it is **reasonably capable** of conveying that imputation. Logically anterior, therefore, to the question of whether the words are capable of being defamatory in law, is the question of what meaning the word or words are reasonably capable of bearing.*" [15] [emfasi tal-Qorti]

Il-Qorti tqis ukoll li l-imputazzjoni ma ghandhiex necessarjament tkun wahda espressa jew diretta: implikazzjoni ta' imputazzjoni hija bizzejjed purche` din tinftiehem mill-

---

[14] [2008] EWCA.

[15] Gatley, *supra* p. 113.

pubblikazzjoni nnfisiha minghajr sforz u tigbid ta' interpretazzjoni mill-qarrej ordinarju u minghajr htiega ta' gharfien specjali, jew ta' referenza ghal xi fatti li ma jirrizultawx mill-istess pubblikazzjoni jew xi spjegazzjoni ulterjuri.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti, wara li qrat it-traskrizzjoni tal-konversazzjoni li sehhet waqt il-laqgha bejn is-*social worker* u l-konvenuti, tqis li huwa evidenti li din il-laqgha ntuzat mill-konvenuti - wara li raw li r-rapport taghha kien favur l-attrici - bhala tentattiv biex jinfluwixxu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tas-*social worker* li jirrizulta illi kien ghad jehtigilha tixhed quddiem il-Qorti b'rabta mal-konkluzjonijiet raggunti fir-rapport taghha dwar jekk l-attrici ghandhiex terga' tigi fdata bil-kura u kustodja ta' uliedha.

Dan hu evidenti mis-segwenti siltiet tal-konversazzjoni:-

*AG « Ma nafx jiena hawnhekk rajt certu affarijiet li rajtu kien baised hafna lejn Sylvana »*

*…*

*SW « Pero jien ma nistax niddiskutieh maghkom Annabelle, kif spjegajtlek minhabba x-xhieda jigifieri… »*[16]

*AG « Imma jigifieri jiena ma nistax naqsik xejn fuqu dan? Ghalfejn wasalt ghall-konkluzjoni li…*

*SW « Heqq il-qorti trid issaqsini hekk »*

*AG "li t-tifla mhux ha jaraha iktar"*[17]

*…*

*HG "Ha tbiddel ir-rapport?"*

*SW "Li ktibt fir-rapport?"*

*AG "Le, le, il-mod kif… »*

[16] Fol. 22.
[17] Fol. 23.

*SW « Ahna xorta bqajna li rridu naraw it-tfal kif inhuma sejrin ma' Sylvana jigifieri… »*
*HG « jigifieri dawn in-noti ha tinkludihom fir-rapport?"*[18]

Huwa minnu li l-konvenuti jsostnu li l-intenzjoni taghhom kienet li jassiguraw li t-tfal tal-attrici ma jbatux psikologikament minhabba l-istil ta' hajja tal-attrici u ghaliex jikkontendu li t-tifla l-kbira, Eva, qaltilhom li taghmel suwicidju jekk ikollha terga' tmur toqghod ma' ommha. Izda anke jekk ghal mument, kellu jigi koncess li l-konvenuti kellhom intenzjonijiet tajbin u genwini fil-konfront tat-tfal, jinsab ritenut pacifikatament illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarriija hijiex malafamanti jew le, ma huwiex relevanti dak li kellu f'mohhu l-konvenut meta ghamel l-istqarrijiet impunjati bhala diffamatorji.

"*As the test is an objective one, evidence as to how a statement was actually understood by its recipients is irrelevant in determining the imputation or imputations conveyed by the statement and thus inadmissible. What the publisher intended to convey by the statement is equally irrelevant in determining the imputations in fact conveyed."*[19]

Ghalkemm il-Qorti ma ghandhiex quddiemha kopja tar-rapport redatt minn Andreanna Gellel ghaliex dan ma giex esebit fl-atti, mid-diskors li jintqal waqt din il-laqgha, hija fehmet li dan ir-rapport kien favur l-attrici kwantu ghat-talba taghha ghall-kura u kustodja ta' uliedha u fehmet ukoll illi l-konvenuti ma kienux qeghdin jaqblu mal-konkluzjonijiet ta' dan ir-rapport. Kemm hu hekk, waqt il-laqgha huma jikkontradixxu certi osservazzjonijiet li saru fir-rapport[20], jappoggjaw b'mod evidenti lil Travis Leigh Brannon (il-konvenut f'dawk il-proceduri) u jaghmlu diversi allegazzjonijiet dwar il-komportament tal-attrici fuq livell sesswali u dwar ic-cirkostanzi personali taghha. Il-konvenuti jesprimu diversi drabi matul din il-konversazzjoni, il-fehma taghhom li l-attrici m'hijiex idonea li tigi fdata bil-kura u

---

[18] Fol. 42, *tergo*.
[19] **Baturina v. Times Newspapers Ltd** [2011] EWCA Civ. 308.
[20] Per ezempju, il-hin li tfal iqattghu fuq il-computer, u l-ambjent tad-dar tal-attrici.

kustodja ta' uliedha u jiddeskrivuha bhala mara irresponsabbli u falza, li hija ffissata fis-sess, li tippossjedi kwantita` kbira ta' *sex toys* u *lingerie*, li hi *exhibitionist*, li mohha biex iggennen l-irgiel[21], li ma toqghodx minghajr ragel[22] u li lir-ragel taghha kienet taqlibhielu ma' rgiel ohrajn fosthom ma' rgiel mizzewgin[23], li tabbanduna lit-tfal taghha favur ir-relazzjonijiet mal-irgiel, li dejjem titkellem fuq is-sess u b'mod esplicitu, li tixrob hafna alkohol anke meta tkun mat-tfal il-bahar, li r-relazzjonijiet ma' shabha u mal-irgiel huma iktar importanti mit-tfal, li thobb tikxef u tilbes skullata, li wriet ritratti ta' ragel liebes l-*underwear* taghha u/jew ritratti pornografici taghha, lit-tifla taghha ta' 13-il sena[24], li t-tfal imwerwin mill-prospett li jergghu imorru jirrisjedu maghha, u li t-tifla taghha Eva tista' tasal biex taghmel suwicidju jekk ikollha terga' tmur tirrisjedi ma' ommha[25], li tihhekkja u/jew tqabbad persuni biex tihhekkja mobiles, li t-tfal taghha mhux minn ta' zewgha Travis Leigh Brannon u b'mod partikolari li t-tifel tal-attrici, Tristan, m'huwiex il-wild naturali ta' zewgha u b'hekk hija gidbet f'Affidavit meta kkonfermat bil-gurament li t-tfal kollha (ghajr ir-raba' wiehed) huma wild ta' zewgha u dan biex tqarrraq bl-istess zewgha biex tikseb hlas ta' manteniment mhux dovut, b'mod partikolari, ghal dan it-tifel.

L-attrici tichad dawn l-allegazzjonijiet u ssostni li l-konvenuti "*jippruvaw ipingu din l-istampa ... malizzjuza ta' jiena persuna hazina li ... m'iniex denja li jkolli tfal.*» Tikkontendi illi bosta mill-allegazzjonijiet li saru jikkoncernaw episodji li sehhew hafna zmien ilu, jew gew esagerati biex jaghmlu impressjoni fuq is-*social worker* jew addirittura m'humiex veritjeri.

Ikkunsidrat;

[21] AG "*L-ammont ta' rgiel li ghaddew minn taht idejha, u da mhux l-ewwel wiehed ta li ffilmjat. Ghax jiena rajt filming ta' wiehed. Urietulna lili u lil Lucienne, jigifieri jiena naf, di ohti, x'tip ta' mara hi. Ma tistax tara ragel. Lil ommi hekk nghidilha, nghidilha jiena niskanta kif lil Hubert qatt ma ttantatu*." – fol. 44 *tergo*.

[22] AG "*ghax ma toqghox minghajr ragel. Kull fejn issib kulhadd huwa target. Ha tara jekk hix kapaci twaqqa' tifel zghir li tonsbu allavolja mara kbira*." – fol. 41.

[23] Fir-rigward tal-allegat missier naturali ta' wiehed mit-tfal tal-attrici, il-konvenuta qalet:- "*Heqq min jaf min kien da … ma nafx, ma nafx … kien hemm wiehed kienet tohrog mieghu, kellu l-mara tghix Franza, u ghandhom tifla*."

[24] Ara fol. 12 *tergo* u fol. 21.

[25] HG «*U jekk sa dak iz-zmien tilhaq tnehhi hajjitha b'idejah ? X'taghmel ? Min ha jkun responsabbli?*"

Effettivament, il-Qorti fehmet minghajr diffikolta` illi in sostanza, l-imputazzjoni li kellhom il-hsieb li jwasslu u li **effettivament wasslu** l-konvenuti lis-*social worker*, hi li l-attrici hija mara li hi ffissata fis-sess, ma toqghodx minghajr ragel u moħħha biex iggennen l-irgiel, *an unfit mother* u *a serial adulterer* li gidbet u qarrqet b'zewgha billi ilha diversi snin tithallas manteniment minghandu ghal uliedha meta dawn huma wild haddiehor. Il-konvenuti wasslu wkoll imputazzjoni li minhabba f'dan kollu, ma jkunx fl-ahjar interess ta' ulied l-attrici li jigi rakkomandat li jergghu jitqieghdu fil-kura u kustodja taghha u f'kaz ta' decizjoni mill-Qorti li t-tfal ikollhom jergghu jghixu ma' ommhom, ikun hemm konsegwenzi serji ta' hsara psikologika fuq dawn it-tfal.

Jinghad b'mod generali, illi l-imputazzjoni li mara li m'hijiex omm tajba u responsabbli, li hija ffissata fis-sess, li tippossjedi kwantita` kbira ta' *sex toys* u *lingerie*, li hi *exhibitionist*, li moħħha biex iggennen l-irgiel u li ma toqghodx minghajr ragel, m'huwiex necessarjament diffamatorju. **Madanakollu, billi dawn l-imputazzjonijiet gew komunikati lil persuni li huma direttament interessati fil-kwistjoni tal-idoneita` o meno tal-attrici bhala omm affidabbli - fosthom persuni li jridu jiddeciedu dwar it-talba tal-attrici ghall-affidament tal-kura u kustodja ta' uliedha[26] - il-Qorti tqis illi dawn l-imputazzjonijiet huma diffamatorji fil-konfront tal-attrici**. Wiehed ma jridx jinsa li fil-kawza minnha istitwita quddiem il-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja], huwa krucjali ghall-attrici li titqies li hija omm idonea, affidabbli u responsabbli li jisthoqqilha tigi fdat bil-kura u kustodja ta' u tezercita access ghal ulieda.

**Kwantu specifikatament l-imputazzjoni li l-attrici kkommettiet adulterju, din - anke lil hinn mill-kuntest tal-kawza dwar il-kura u kustodja ta' uliedha - ma tistax titqies hlief bhala imputazzjoni ferm ingurjuza ghar-reputazzjoni taghha. *Multo magis* l-imputazzjoni li minhabba dan l-allegat adulterju, uliedha m'humiex, wara kollox, wild zewgha u - specifikatament u b'mod iktar gravi - l-**

[26] Multo magis wara li dawn l-ulied ittiehdu minghandha minhabba tabilhaqq allegazzjoni li ritratti pornografici li tidher fihom u li ntwerew lill-istess uliedha.

**imputazzjoni ulterjuri li l-attrici ma qalitx il-verita` meta kkonfermat bil-gurament quddiem il-Qorti li t-tfal kollha taghha (ghajr ir-raba' wiehed) huma wild zewgha.**

**Dan qed jinghad ghaliex l-imputazzjoni li tinsilet minn dawn l-istqarrijiet, hija evidentement li l-attrici kkommettiet spergur u qarrqet bl-istess zewgha sabiex tikseb hlas ta' manteniment ghall-minuri, liema manteniment ma kienx ikun altirmenti dovut. Il-Qorti tifhem illi allegazzjonijiet bhal dawn huma kapaci jipproducu riperkussjonijiet serji ferm ghall-attrici mhux biss ghar-reputazzjoni taghha u fil-proceduri minnha istitwiti biex terga' tikseb l-affidament tal-kura u kustodja ta' uliedha, izda wkoll ghaliex il-qerq kif ukoll l-ispergur lilha addebitati, huma reati kriminali punibbli bi prigunerija**.

Is-siltiet relevanti indikati mill-attrici fit-traskrizzjoni Dok. SB2, huma segwenti :-

*AG « Mela din ghandha lil Ethan minn ta' Eric, lil Tristan qalet lil dan ma qalitx lili… »*
*SW « Xiex ? »*
*HG « Li mhux minn ta' ... »*
*AG « Li mhux minn ta' Travis… »*
*HG « Zgur. Mija fil-mija orrajt ?"*
*…*
*HG "U int nahseb li rajthom it-tfal…."*
*SW "Iva, iva u zgur li rajthom"*
*HG "Le, taf kif inhuma, jidhru li mhux l-istess"*
*AG "Tristan complexión…"*
*HG "Ara. L-erbat itfal, jien personali qed nghidlek, jigifieri, qed nitkellmu ... l-erbat tifal minn erbgha differenti, jien personali. …"*
*SW "X'jigifieri tissuspetta li t-tfal wiehed biss huwa ta' Travis ? »*
*AG/HG « Eva biss. »*
*…*

*HG « U jien cert mija fil-mija, m'hemmx ghalfejn jaghmel DNA »*[27]

*….*

*SW "Jigifieri int qed tghid li konxjament taf li Tristan mhux tieghu u talbet il-mantentiment tieghu…"*

*…*

*SW: "Din hija … charge serja eh hafna, li hi tigdeb, gidbet quddiem ufficjal tal-Qorti, gidbet fl-affidavit*

*HG "Mhux ghalhekk?"*

*…*

*HG "U mhux tieghu biss, tat-tlieta.*

*SW "Din mhux 5 minutes jew gimgha gidbet, ghal 8 years hux! Iktar."*[28]

Illi huwa minnu illi dawn l-imputazzjonijiet li saru mill-konvenuti fil-konfront tal-attrici gew ippubblikati lil numru limitat hafna ta' persuni u dan il-fattur jista' jimmilita kontra l-kriterju tas-serjeta` tal-hsara lir-reputazzjoni tal-attrici f'dan il-kaz. Izda ghandu jigi emfasizzat u ribadit illi fl-istess waqt, dawn l-imputazzjonijiet ma gewx ikkomunikati lil persuni in generali li huma estranei ghall-kwistjoni dwar l-idoneita` o meno tal-attrici bhala omm li qieghda titlob lill-Qorti li tigi affidata bil-kura u kustodja ta' uliedha - f'liema kaz qalja jkunu kapaci jikkagunaw hsara lir-reputazzjoni tal-attrici anke in vista tan-numru limitat ta' persuni li lilhom gew ikkomunikati l-istqarrijiet impunjati. **Fil-fehma tal-Qorti, l-element diffamatorju kif ukoll is-serjeta` tal-hsara lir-reputazzjoni tal-attrici, jinsabu sewwasew fil-fatt li l-istqarrijiet tal-konvenuti li, kif inghad, jimputaw lill-attrici kondotta hazina, mhux etika u addirittura kriminali, gew komunikati u pubblikati (i) lis-*social worker* inkarigata mill-Qorti biex tabilhaqq tirrelata l-idoneita` o meno tal-attrici biex tinghata l-kura u kustodja ta' wliedha u biex taghmel rikomandazzjonijiet lill-Qorti fir-rigward, (ii) lil zewgha, konvenut fil-proceduri appena msemmija u (iii) lill-istess Qorti li quddiemha qed tinsema' l-kawza dwar it-talba tal-attrici**

[27] Fol. 94 u 95.

[28] Fol 110 u 110 *tergo*. Ara wkoll foll 109.

**ghall-affidament tal-kura u kustodja ta' wliedha u li sejra tiddeciedi finalment dwar din it-talba.**

Fil-kaz **Haji Ioannu v. Mark Dixon et.**, citat minn Gatley[29], il-fatt li l-pubblikazzjoni tal-allegazzjoni saret lil persuna wahda biss, gie meqjus bhala immaterjali minhabba li l-allegazzjoni ta' dizonesta` kienet partikolarment serja, il-persuna li lilha giet ippubblikata kienet gornalista u l-hsieb kien li l-allegazzjoni tigi pubblikata lil terzi persuni u konsegwentement, kienet kapaci li titwemmen.

Effettivament, hu generalment accettat fil-gurisprudenza tal-qrati Inglizi kif ukoll lokali, illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa certu grad, f'attivita` jew att kriminali jew, fi kliem Collins[30], imputazzjoni li minhabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[31], huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

In propositu inghad[32]:-

"*Most obviously however, statements that impute that the claimant has or may have been involved on some degree in a criminal act will almost invariably satisfy the test. Other common examples include imputations that, by reason of some conduct, the claimant is dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive ... or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[33]

---

[29] *Supra*: 2.4 p. 39 [EWHC, 2009 178 QC].

[30] *Supra* 6.10 p. 117.

[31] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*".

[32] Collins, *supra* 6.10, p.117.

[33] Il-Gatley jghid:- "*It is defamatory to impute that a person is unfit for his profession or calling owing to a want of ability, mental stability, learning or some other necessary qualification, or that he has been guilty of any dishonest or disreputable conduct or any misconduct or inefficiency therein. This applies to any profession or calling, however humble, so long as it is not illegal.*" - *supra* 2.38, p. 82.

Il-Qorti ftit li xejn ghandha rizervi biex tqis illi dawn l-istqarrijiet tal-konvenuti, maghmula waqt il-laqgha in dizamina lis-*social worker* u sussegwentement komunikati lil zewgt l-attrici kif ukoll lill-Qorti fil-kawza dwar il-kura u kustodja ta' uliedha, mhux biss huma malafamanti izda wkoll ta' kalibru li huma kapaci jikkagonaw hsara serja lir-reputazzjoni tal-attrici.

Illi ghalkemm kif gia` nghad, hu minnu li l-istqarrijiet diffamatorju gew ippubblikati lil numru limitat hafna ta' persuni, cioe` lis-*social worker*, lill-Imhallef li qed jisma' l-kawza dwar it-talba tal-attrici ghall-kura u kustodja ta' uliedha, u lil zewgt l-attrici, il-Qorti tqis illi l-kriterju tas-serjeta` tal-hsara lir-reputazzjoni tal-attrici intlahaq ghaliex dawn l-imputazzjonijiet jimminaw ir-reputazzjoni tal-attrici ghall-fini tal-proseptti taghha li terga' tigi fdata bil-kura u kustodja ta' uliedha, proprju f'ghajnejn il-persuni li huma direttament ikkoncernati bit-talba taghha ghall-affidament tal-kura u kustodja ta' uliedha. In-numru limitat ta' persuni li lilhom gew ippubblikati l-stqarrijiet malafamanti jista' ghalhekk ikun relevanti biss ghall-fini tal-likwidazzjoni tal-*quantum* tad-danni.

Fir-rigward, il-Gatley jghid:-

"*It is not difficult to conceive of claims for slanders or libels with limited circulation which would cause the claimant great embarrassment or distress or which might blight his financial prospects*."[34]

Ikkunsidrat;

---

[34] Gatley: *supra* - 6.2 p. 191. Inoltre, fil-kaz **Crossland v Wilkinson Hardware Stores Ltd** (2005, EWHC 481 (QB) p.57) gie ritenut: "*The fact that a libel or slander has been communicated only to a very few publishees within an organisation does not of itself give any indication of what is at stake.*"

Illi kif gia` stabbilit, l-imputazzjonijiet libelluzi li saru fil-konfront tal-attrici ghandhom il-propensita` li jikkagunaw hsara serja lir-reputazzjoni taghha. Ghall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni skont l-Artikolu 11 tal-Att, il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni is-serjeta` tal-imputazzjonijiet u l-potenzjal ta' detriment u hsara li l-istess imputazzjonijiet huma kapaci li jirrekaw lir-reputazzjoni tal-attrici b'mod specifiku l-pozizzjoni taghha fil-proceduri minnha istitwiti quddiem il-Qorti ghall-affidament tal-kura u kustodja ta' uliedha, izda wkoll il-fatt li ma giex ippruvat illi effettivament l-imputazzjoni ghamlet hsara attwali lir-reputazzjoni tal-attrici, u wara li qieset ukoll il-fatt illi l-imputazzjoni giet ippubblikata lil numru limitat hafna ta' persuni izda b'mod intenzjonat u dolozament, tqis illi ghandha tillikwida s-somma ta' hames mitt Euro (€500) in linea ta' danni morali, pagabbli miz-zewg konvenuti *in solidum* bejniethom.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-attrici limitatament billi tiddikjara li huma biss uhud mis-siltiet mill-konversazzjoni li saret waqt l-inkontru indikat fir-Rikors promotur, liema konversazzjoni giet pubblikata, li huma malafamanti fil-konfront tal-attrici u konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici danni morali fis-somma ta' hames mitt Euro (€500) *in solidum* bejniethom.**

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti ukoll *in solidum*.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**